**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Awwissu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Camilleri)**

**vs**

**Jamal Abdullah**
**(K.I. 123779A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Jamal Abdullah** li ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-8 ta' Mejju 2021 għall-ħabta tal-10:45hrs, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja:

1. Għamel dikjarazzjoni falza lill-Kummissarju tat-Taxxi bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Avviż Legali 285 ta' 2020 (Regolamenti tal-2020 dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Naqas milli jissodisfa l-obbligu li jiddikjara lill-Kummissarju tat-Taxxi li huwa kien qiegħed iġorr miegħu s-somma ekwivalenti għal €10,000 jew iżjed fi flus kontanti, filwaqt li huwa kien ħiereġ minn Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Avviż Legali 285 ta' 2020 (Regolamenti tal-2020 dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi hija m'għandha l-ebda diskrezzjoni fir-rigward stante li l-piena monetarja li għandha tiġi inflitta hija waħda hija dik elenkata f'Regolament 3(5)(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, u ċioè multa ekwivalenti għal 55% ta' €31,045,  oltre multa oħra ta' €50.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Jamal Abdullah** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' sbatax-il elf u ħamsa u sebgħin ewro (€17,075) oltre multa oħra ta' ħamsin ewro (€50).  B'hekk il-multa komplessiva li trid titħallas mill-ħati tammonta għal sbatax-il elf, mija u ħamsa u għoxrin ewro (€17,125).

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur